# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)**

**Kump. Numru: 277/2016**

**Il-Pulizija**
(Spettur Roderick Agius)

**Vs**

**Edward Teeling**
(K.I. 53193M)

**Illum, 22 ta' Jannar 2024.**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Edward Teeling**, bin Raymond u Maria Dolores nee' Grioli imwieled fid-19 ta' Jannar 1993 u resident 2B, Triq l-Imtieħen, Valletta, detentur ta' karta tal-identità bin-numru 53193M u akkużat talli:

1. Bejn id-disgħa (9) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014) u s-sebgħa u għoxrin (27) ta' April elfejn u ħmistax (2015), f'ħinijiet differenti ġewwa Ħal-Qormi u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin minnu li jiksru l-istess disposżizzjoni tal-liġi li ġew magħmula

b'riżoluzzjoni waħda, appropja ruħu billi dawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnati lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, u ċioe' ħa u żamm għandu flus ta' Nature Line Limited, ta' aktar minn ħames mitt ewro (€500) iżda mhux iktar minn ħamest elef ewro (€5,000) liema flus ġew fdati jew ikkunsinnati lilu minħabba l-professjoni, industrija, kummerċ, amministrazzjoni, kariga jew servizz tiegħu, jew minħabba depożitu neċessarju u dan bi ksur tal-artikolu 18, 293 u 294 tal-Kapitolu disgħa (9) tal-Liġijiet ta' Malta.

2. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamilt użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdejt b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrejt ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex inqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamilt qliegħ ta' aktar minn 500 Euro iżda mhux aktar minn 5000 Euro għad-detriment tas-soċjeta Nature Line Limited u/jew persuni oħra. Art 308, Art 310 1(B);

3. U aktar talli fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, Il-Qorti kienet mitluba sabiex titratta mal-imputat bħala riċediv invista ta' sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati Malta liema sentenza saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew imħassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif presjeduta nhar it-28 ta' Lulju 2021 tramite l-Assenjazzjoni maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi nhar it-22 ta' Jannar 2021,[1] l-Avukat Ġenerali bagħat l-Atti lil din il-Qorti ai termini tal-Artikolu 370(3) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex

[1] Ara fol. 337 tal-atti proċesswali.

Edward Teeling jiġi ġġudikat minnha stess billi jidhirlu li tista' tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub:-

1. Fl-artikoli 18, 20, 31, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta [il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kien fis-seħħ qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-2014];
2. Fl-artikoli 18, 31, 308 u 310 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta [il-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kien fis-seħħ qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-2014];
3. Fl-artikoli 23, 23A, 23B, 23Ċ u 23D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 27 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
6. Fl-artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
7. Fl-artikoli 382A, 383, 384, 385, 386 u 412Ċ

Rat illi fil-05 ta' Marzu 2021, l-istess Edward Teeling ta l-kunsens tiegħu sabiex dan il-każ jiġi ttrattat u deċiż minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha eżebiti, inkluża l-Fedina Penali tal-akkużat;

Semgħet ix-xhieda;

Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza finali;

Ikkonsidrat;

Illi r-rappreżentant tas-soċjetà Nature Line Limited, Joseph Galea, xehed li l-akkużat kien impjegat ma din is-soċjetà bħala *Sales Representative* għal madwar għaxar xhur. Din is-soċjetà timporta prodotti tal-ikel u tagħmel distribuzzjoni tagħhom fil-ħwienet.

Xehed li l-proċedura tax-xogħol kienet li kull *Sales Representative* ikollu rotta speċifika u jingħata żewġ[2] *receipt books* biex ikun jista' jaħdem bihom.[3] Kull rotta għandha madwar 30 jew 40 ħanut u xogħol *is-Sales Representative* huwa li jieħu l-ordnijiet mingħand il-ħwienet u jdaħħal dawn l-ordnijiet fil-fabbrika. Eventwalment, persuna oħra bħala *delivery man* tmur bl-affarijiet għand min ikun ordnahom. Bħala pagament, ġieli jitħallsu d-*delivery men* cash u ġieli le, skont il-ftehim. Meta l-klijent ma jħallasx cash lid-*delivery men*, is-*Sales Representative* għandu d-dritt li jmur jiġbor il-pagament hu stess u jekk jitħallas għandu joħroġ rċevuta mir-*Receipt Book*[4] lil tal-ħanut. Minn xi daqqiet, s-*Sales Representative* jintalab minn tal-ħanut biex jiffirma wkoll fuq il-fattura bħala prova li ħallas però s-*Sales Representative* huwa dejjem obbligat li jagħti rċevuta mir-*Receipt Book* anke biex il-fabbrika tkun taf xi flus ikunu nġabru matul il-jum. Dakinhar stess filgħaxija, s-*sales representative* jirritorna lura l-fabbrika, jimla *Reconciliation Sheet* fejn jindika l-flus li jkun ġabar matul il-ġurnata,[5] iħalli l-ktieb tal-irċevuti ta' dakinhar u l-flus li jkun ġabar u jgħaddi kollox lill-*accounts section* għall-verifiċi tagħhom. Meta jkun hemm xi diskrepanza, l-iskrivani jkellmu lis-*Sales Representatives* u normalment mal-ewwel jroddu dak kien nieqes. Il-kumpanija kellha wkoll persuna, msejjħa reliever, li kienet tagħmel ix-xogħol tas-*Sales Representative* fuq ir-rotta f'każ li jkun ma jiflaħx jew bil-*leave*.

F'dan il-każ, Joseph Galea xehed li l-akkużat kien jieħu ħsieb diversi distretti, fosthom dak ta' Ħaż-Żabbar u San Ġwann. Il-kumpanija bdiet tinduna li l-akkużat kien ġieli jitlob li jmur iqassam ix-xogħol hu stess, meta dan ma kienx xogħolu. Kien jgħidilhom li kien ikun xogħol urġenti,

[2] Xehed ukoll fis-17 ta' Frar 2017 li għall-finijiet ta' prattiċià, *Sales Representative* ġieli kien jingħata aktar kotba tal-irċevuti biex jekk jispiċċalu wieħed waqt li jkun għaddej fuq ir-rotta, jkun jista' jkompli jaħdem bil-ktieb il-ġdid.

[3] Spjega li jkollhom żewġ kotba tal-irċevuti sabiex meta jirritornaw lura l-fabbrika bil-pagament, iħallu ktieb tal-irċevuti mal-accounts department għall-verifiċi u l-għada jaħdmu bil-ktieb l-ieħor. Filgħaxija jirritornaw it-tieni ktieb tal-irċevuti u jieħdu lura l-ewwel ktieb biex jużawħ l-għada, u jibqgħu jalternaw hekk kuljum.

[4] Ara kampjun ta' *Receipt Book* tal-akkużat preżentat bħala dok "CP4" a fol. 98 tal-atti proċesswali.

[5] Ara kampjun ta' din il-formola mmarkata bħala dok "CP3" a fol. 101 tal-atti proċesswali.

partikularment għax kien żmien l-Għid, żmien busy ħafna għall-kumpanija. Għall-ewwel, id-diriġenti ħasbu li kien jieħu gost idur bil-vettura tal-kumpanija. Indunaw, però, meta mar ir-*reliever* fuq ir-rotta, ċerta Marben Costa, li meta beda jistaqsi biex jitħallas għad-*deliveries*, xi ħwienet kienu qed jgħidulu li diġà ħallsu għax-xogħol. Sadanittant, l-akkużat kien qal lid-diriġenti tal-kumpanija li kien tilef żewġ *receipt books*. Il-proċedura kienet li huma jiffirmaw kull meta jieħdu *receipt book* ġdid u l-fabbrika tikkontrassenja meta jirritornawhom lura użati. F'dan il-każ ix-xhud qal li kien hemm xi kotba tal-irċevuti tal-akkużat li ma kienux ritornati li jfisser li kienu mitlufin.[6] Qal li huma bdew jissuspettaw li l-akkużat seta' kien qed joħroġ irċevuti lis-sidien tal-ħwienet li jkunu ħallsuħ minn dawn ir-*receipt books* allegatament mitlufin u, peress li l-irċevuti ma jiġux ritornati lura lill-kumpanija ma' l-għeluq tal-ġurnata, il-kumpanija ma kienitx tkun taf li dawn ikunu ħallsu, biex b'hekk jiġbor il-flus l-akkużat. Indunaw ukoll li xi fatturi kienu wkoll iffirmati mill-akkużat bħala mħallsa però l-flus tagħhom qatt ma ġew ritornati lill-kumpanija. Qal li b'kollox kien hemm €6,118.71 li ġabar l-akkużat u li ma rritornax lura lill-kumpanija.

Ix-xhud ippreżenta wkoll prospett[7] li jindika fatturi li tħallsu iżda li l-flus ma ġewx ritornati lill-kumpanija, flimkien ma sett kopji ta' dawn il-fatturi.[8] Jgħid li l-fatturi huma ffirmati mill-akkużat fejn kiteb "paid Edward Teeling" li turi wkoll li d-*deliveries* għamilhom l-akkużat stess. Qal li fl-aħħar ta' kull xahar il-kumpanija kienet toħroġ id-*debtors list* u ssaqsi lis-*Sales Representatives* għalfejn klijent partikolari ma jkunx ħallas. Filfatt kienu kellmu lill-akkużat dwar dawn il-pagamenti li ma daħlux u ddeċidew li jtemmulu l-impjieg. Qal ukoll li kemm-il darba l-akkużat kien jitlob avvanz mil-paga tax-xahar li jkun imiss.

---

[6] Ara l-prospetti ndikati bħala dok "CP1" a fol. 97 tal-atti proċesswali u dok "CP2" a fol. 99 tal-atti proċesswali. Kull prospett jindika d-data ta' meta ttieħed il-ktieb tal-irċevuti, in-numru tal-ktieb, l-isem tas-Sales Representative li jkun ħa l-ktieb u l-firma tiegħu, u firma oħra tal-persuna li tkun rċiviet il-ktieb tal-irċevuti meta dan jiġi ritornat lura mis-*Sales Representative*.

[7] Dok "JG1" a fol. 38 tal-atti proċesswali.

[8] Ara a fol. 39 *et seq* tal-atti proċesswali.

In kontro-eżami qal li l-fatturi oriġinali tal-kopji li ppreżenta m'għandux għaliex din tkun qiegħdha għand tal-ħanut u normalment tmur lura lill-kumpanija meta ssir id-*delivery*. F'dan il-każ, peress li l-akkużat stess għamel id-*delivery*, qatt ma daħlet l-oriġinali tal-fattura lura l-kumpanija.

Xehed ukoll Marben Costa fejn qal li huwa mpjegat mas-soċjetà kwerelanta bħala *sales administrator* u *reliever*. Qal li darba minnhom kien biddel lill-akkużat fuq ir-rotta tiegħu għal jumejn peress li l-akkużat kien ma jiflaħx. Qal li f'xi żmien bejn Marzu u April 2015 hu kien talab xi pagamenti lill-klijenti u qalulu li xi fatturi kienu diġà mħallsa. Klijent minnhom, ċerta Paul Grech li kellu l-ħanut Ħaż-Żabbar, ma qabilx mal-bilanċ dovut skont l-istatement u qallu li kien hemm xi fatturi diġà mħallsin. Filfatt, urieħ dawn l-istess fatturi bil-kelma fuqhom "paid". Id-diskrepanza kienet ta' madwar €4,000. X'ħin ra hekk, hu informa l-accounts Department dak il-ħin stess permezz ta' telefonata. Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx hemm *relievers* oħra li biddlu l-akkużat f'dik ir-rotta rrisponda li le, għax hu kien l-unika *reliever*. Ikkonferma wkoll li ebda *sales repsentative* ma għamel dik ir-rotta waqt li kien qed jaħdem magħhom l-akkużat. Qal li l-fatturi ppreżentati minn fol. 39 sa fol. 48 tal-proċess huma l-istess fatturi li wrieħ Paul Grech meta kellmu u wkoll li d-*deliveries* tagħhom kien għamilhom l-akkużat stess personalment, u dan kif spjegalu l-istess Paul Grech fejn qallu li kien mar bix-xogħol is-sur Teeling waranofsinhar u hu ħallsu immedjatament. Hu kkonferma il-lista ppreżentata mix-xhud Melanie Galea Cini bħala Dok MGC1[9] li turi l-ħwienet li qalulu li ħallsu l-fatturi lill-akkużat.

Illi Melanie Galea Cini xehdet li hi taħdem bħala *Head of Finance* fil-kumpanija C. Cini F G Limited. Qalet li l-akkużat kien jaħdem magħhom. Qalet li kellha x'taqsam miegħu peress li għall-ewwel l-akkużat kien jitlobha ttiħ avvanz mill-paga akkont għax-xahar li jkun imiss. Qalet li sussegwentement kien iġib pagamenti nieqsin mill-klijenti tagħhom, daqqa għax tilifhom u daqqa kien jgħidilha biex tnaqqashomllu mill-paga. Hi kkonfermat li darba mar Marben Costa u xi klijenti qalulu li kienu diġà ħallsu

[9] A fol. 244 tal-atti proċesswali.

ċerta fatturi. L-iktar wieħed li kellhom problema kien ma Pawlu Grech, li kellu l-ħanut bl-isem ta' Carmen Store, li kien dejjem iħallas bil-cash u ilu klijent tagħhom għal snin twal u qatt ma kellhom problemi miegħu. Kellmitu personalment u qalilha li l-fatturi kienu mħallsin u bgħatilha anke fatturi bil-firma tal-akkużat li però ma ngħatatlux irċevuta tagħhom. Qalet li d-diskrepanza kienet ta' €4,396. Qalet li kien hemm klijenti oħrajn bħal "Tal-Ħamra Van" li kellmitu hi personalment u bgħatilha kopji tal-fatturi fejn kien iffirma l-akkużat u d-diskrepanza kienet ta' €275. Semmiet ukoll lil Gordon's Butcher, li kellu diskrepanza ta' €969, Munchies li kellu diskrepanza ta' €135 fost l-oħrajn. Hi ppreżentat prospett dettaljat[10] tal-ħwienet li sabu diskrepanzi fihom, liema prospett sar bl-informazzjoni miġbura mis-*Sales Representative* li mar wara l-akkużat kif dan intemmlu l-impjieg tiegħu.

Qalet li s-*sales representative* suppost idaħħal il-flus flimkien mal-irċevuti fl-aħħar tal-ġurnata iżda f'dan il-każ, peress li l-akkużat ma kienx qed idaħħal l-irċevuti, il-kumpanija ma setgħetx tkun taf xi flus ikun daħħal. Minflok, l-akkużat kien jikteb paid fuq il-fattura. Hi kkonfermat il-fatturi ppreżentati minn fol. 39 sa 51 li kollha jindikaw paid u l-firma tal-akkużat.

Qalet li matul l-impjieg tiegħu, huma tawħ żewġ warnings rigward "*uncollected debts*". Itterminawlu l-impjieg fis-27 ta' April 2015 u jumejn wara mar ikellimhom flimkien ma missieru. Hemmhekk qaltlu li l-ammont li kienu qed jitolbu mingħandu kien ta' €7,000.

Illi xehed Martin Mifsud fejn qal li hu għandu l-ħanut bl-isem ta' Munchies f'San Ġwann. L-akkużat ġieli mar għandu bħala *Sales Representative* tas-soċjetà kwerelanta. Qal li ftit taż-żmien ilu rċieva rendikont ta' bilanċ dovut lill-kumpanija kwerelanta[11] però jidhirlu li kien hemm ammont li tħallas. Ma kienx jaf lil min jew meta tħallset. Qal li darba minnhom kienu kellmuh mil-kumpanija kwerelanta dwar ammont li għadu pendenti u hu kien għaddielhom xi karti li juru li kienet tħallset. Qal li kien iħallas ġieli lill-

[10] Ara Dok "MGC1" a fol. 244 tal-atti proċesswali.
[11] Eżebit bħala dok "CP1" a fol. 151 tal-atti proċesswali.

akkużat u ġieli lil tal-vann. Qal li ma reġa' sema xejn aktar fuq dawk l-ammonti.

Xehdet ukoll Rhoda Parnis, li qalet li l-istabbiliment "Tal-Ħamra Van" f'San Ġwann huwa tar-raġel tagħha u hi kienet tkun hemm taħdem. Qalet li l-akkużat kien *Sales Representative* tal-kumpanija kwerelanta. Murija l-*Statement* tal-kumpanija[12] qalet li dawk kienu fatturi tax-xogħol li ħadu mill-kumpanija. Qalet li l-akkużat kien ukoll għamlilhom id-deliveries hu stess. Qalet li l-kumpanija kwerelanta kienu ċemplulha fuq xi pagamenti pendenti u talbuhom l-irċevuti biex jarawhom għax ħasbu li ma kinux qed iħallsu meta, fil-fatt kienu tħallsu. Qalet li hi r-raġel tagħha kien iħallas lill-akkużat ħlief għall-aħħar fattura ndikata fl-Istatement, fejn ħallsuha direttament lill-kumpanija. Xehed ukoll ir-raġel tagħha John Paul Parnis fejn qal li l-akkużat kien is-*Sales Representative* li kien imur għandu. Qal li kien dejjem iħallas lilu b'fattura lura, jiġifieri iġiblu x-xogħol u jħallsu tal-fattura ta' qabel. Qal li l-kumpanija kienet ċemplitlu dwar xi bilanċ pendenti però hu uriehom il-fatturi u qalilhom li dejjem ħallas b'fattura lura.

Illi Mario Formosa xehed li huwa jmexxi l-mini market bl-isem ta' *Cut Price*, f'Ħaż-Żabbar. Qal li hu kien jixtri x-xogħol mill-kumpanija kwerelanta u kien jordna mis-*Sales Representative*. Mhux dejjem kien jiġi l-istess wieħed. Qal li l-kumpanija kwerelanta qatt ma kellmitu dwar pagamenti pendenti peress li kien dejjem iħallas.

Illi Isabelle Scicluna xehet li hija għandha l-ħanut bl-isem "Gordon's Butcher" u "Gordon's mini market", ġewwa Ħaż-Żabbar. Ikkonfermat li l-akkużat kien is-*Sales Representative* tal-kumpanija kwerelanta. Qalet li huma dejjem ħallsu cash u l-akkużat ġieli kien jgħidilhom biex iħallsu lilu. Qalet li l-kumpanija kwerelanta talbitha tħallas mad-€900. Qalet li wara ħafna żmien il-kumpanija talbitha tħallas din is-somma però hi dejjem ħallset u lanqas jagħmel sens li l-kumpanija tibqa' ttiha x-xogħol u ma

---

[12] Ara Dok "CP2" a fol. 157 tal-atti proċesswali.

titħallasx. Qalet ukoll li s-*Sales Representative* li ġie warajh qatt ma talabha tħallas dawk l-ammonti.

L-akkużat għażel li jixhed f'dawn il-proċeduri. Huwa spjega li kien impjegat mal-kumpanija Nature Line bħala *Sales Representative*. Filgħodu kien jagħmel ir-rotta tiegħu, li tinkludi San Ġwann u Ħaż-Żabbar, jiġbor l-ordnijiet u jirritorna lura l-fabbrika għall-ħabta tal-erbgħa u nofs u jtihom rendikont ta' xi jkun ġara matul il-ġurnata, ċioè jdaħħal l-ordnijiet li jkunu saru u jekk ġabru l-flus jgħadduhom lill-kumpanija flimkien mar-*Receipt Book*. Kulħadd kellu r-*receipt books* tiegħu u kull riċevuta kienet enumerata. Ir-*receipt book* kien ikollu żewġ kopji, waħda għall-klijent u l-oħra għall-kumpanija. Ir-*receipt book* flimkien mal-flus kienu jgħadduhom lill-mara tal-imgħallem, Melanie Galea Cini biex imbagħad jagħmlu *reconciliation*. F'każ ta' xi diskrepanza kienu jkellmu lis-*Sales Representative*. Qal li kemm kien lilu magħhom qatt ma sabu diskrepanza iżda kienu kellmuħ dwar diskrepanzi ħafna żmien wara li telaq minn magħhom. Filfatt hu kien kellimhom xahar wara li telaq biex jiġbor il-paga u qalulu li ma jistax jiġborha għax kien hemm xi diskrepanzi. Hu mar ikellimhom flimkien ma missieru u huma wrewħ il-provi li kellhom. Għalkemm kien hemm fatturi li l-firma kienet tiegħu, kien hemm oħrajn li l-firma mhux tiegħu. Mistoqsi dwar il-firem fuq il-kopji tal-fatturi ppreżentati minn fol. 39 sa fol 46 ikkonferma illi l-firem fuq il-fatturi numru 39, 40, 41 u 46 huma tiegħu filwaqt li dawk fuq fol. 42, 43, 44 u 45 m'humiex tiegħu. Hu qal li ma jaf xejn dwar dawn il-flus li qed jingħad li nġabru u ma ġewx mgħoddija lill-kumpanija kwerelanti.

In kontro-eżami xehed li fi żmien l-Għid u żmien il-Milied, il-kumpanija tinqabad b'ħafna xogħol u hu ġieli kien imur iqassam xi xogħol. Ma kienx iqassam ordni sħiħa imma xi ftit xogħol minnha. Hu kien iqassam dak ix-xogħol u jiffirma fuq l-irċevuta. Qal li meta s-salesman kienu joħorġu bix-xogħol u, per eżempju, filgħodu jtuhom żewġt pakketti dqiq, filgħaxija kienu jridu jitolbu l-flus u l-irċevuta tagħhom, ma kienux iħallu sa' l-għada. Qal li telaq minn mal-kumpanija kwerelanta għax sab xogħol aħjar. Qal li huwa veru li l-klijenti kienu jħallsu lilu u hu għaddha l-flus lill-kumpanija. X'ġara

mill-mument li tahom il-flus hu ma jafx. Meta jgħaddulhom il-flus, ħadd ma jiffirmalhom min-naħa tal-kumpanija.

Xehed ukoll missier l-akkużat Raymond Teeling fejn qal illi hu mar jakkumpanja lit-tifel tiegħu għal laqgħa li kellu mal-kumpanija kwerelanta, u dan għax beża' li t-tifel setgħet taqbiżlu malajr. L-Imgħallem qallu li kien hemm xi flus neqsin u li kellhom il-provi kollha. Talbu jagħtih il-provi u eventwalment bagħatlu kopji ta' tlett fatturi li l-firem tagħhom ma kienux jaqblu, għax l-ebda firma ma kienet bħall-oħra. It-tifel ċaħad li seta' kien involut f'dawn il-fatturi.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirriżulta inkontradett illi l-akkużat kien impjegat mas-soċjetà Nature Line Limited bħala *Sales Representative* u bħala parti minn xogħolu kien li jdur il-ħwienet li kienu klijenti ta' din is-soċjetà u jieħu l-ordnijiet tagħhom għax-xiri ta' prodotti. Is-soċjetà kienet tqassam dawn il-klijenti f'rotot skond fejn jinsab l-istabbiliment tagħhom. L-akkużat kellu r-rotta li tinkludi San Ġwann u Ħaż-Żabbar. Jirriżulta inkontradett ukoll li l-akkużat kellu d-dritt, bħas-*Sales Representatives* sħabu, li jiġbor il-flus għan-nom tas-soċjetà kwerelanta bl-obbligu li jgħaddilha dawn il-flus fi tmien il-jum tax-xogħol tiegħu. Għal dan l-għan, huwa kien ingħata numru ta' kotba tal-irċevuti formali sabiex iħalli rċevuta lil kull min iħallsu u jgħaddi l-kopja l-oħra tal-irċevuta lis-soċjetà kwerelanta, sabiex tirrikonċilja l-flus li daħlu mal-irċevuti li jkun irrilaxxa s-*Sales Representative* biex jekk ikun hemm xi diskrepanzi fil-flus, jiġbdu l-attenzjoni tas-Sales Representative rispettiv.

Il-verżjoni prosposta mill-prosekuzzjoni hi essenzjalment il-verżjoni tas-soċjetà kwerelanta fejn, skontha, l-akkużat ġabar il-flus mingħand il-klijenti tagħhom u minflok ma għaddihomlha kif kien obbligat jagħmel, żammhom għalih u dawwarhom bi profitt għalih. Tgħid li għalkemm kien qed ikollha xi suspetti fih, hija kellha l-konferma ta' dan l-aġir suspettuża meta għamel ir-rotta r-*reliever* Marben Costa u xi klijenti qalulu li kienu diġà ħallsu xi

fatturi li, min-naħa tas-soċjetà kwerelanta, kienu jidhru li għadhom pendenti. L-akkużat qed jinnega din il-verżjoni.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel akkuża miġjuba kontra l-akkużat hija dik ta' approprjazzjoni indebita skont l-Artikolu 293, bl-aggravji misjuba fl-Artikolu 294 u 310(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta rispettivament. Illi fin-Nota tal-Artikoli tiegħu, l-Avukat Ġenerali jispeċifika illi r-reati applikabbli għal din l-akkuża huma dawk li kienu fis-seħħ qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-2014, liema emendi daħlu fis-seħħ fl-14 ta' Awwissu 2014.[13]

Illi l-elementi ta' dan ir-reat ġew diskussi minn dawn il-Qrati f'diversi okkażjonijiet.[14] Din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ntqal fis-sentenza **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni**[15] fejn hemm ritenut illi:

> *"Dana r-reat iseħħ meta wieħed (1) jirċievi flus jew xi ħaġa oħra mingħand xi ħadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew dik ix-xi ħaġa lura jew li jagħmel użu minnhom b'mod speċifiku; (3) u minflok ma jagħmel hekk, idawwar dawk il-flus jew dak l-oġġett bi profitt għalih jew għal ħaddieħor."*

Illi di più, il-Qorti tal-Appell Kriminali, fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Joseph Muscat**[16] irriteniet illi:-

> *"L-element partikolari tar-reat ta' approprjazzjoni inebita [sic] m'huwiex l-użu ta' l-ingann da parti ta' l-aġent biex jottjeni l-oggett,*

[13] Ara l-Avviż Legali Nru 275 tal-2014.
[14] Ara per eżempju **Il-Pulizija vs Anthony Mary Bajada**, Qorti tal-Appell Kriminali 1, ta' Marzu 1952, **Il-Pulizija vs Giuseppe Cauchi**, Qorti tal-Appell Kriminali 21, ta' Novembru 1952, **Il-Pulizija vs John Gauci**, Qorti tal-Appell Kriminali, 14 ta' Frar 1997, **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, Qorti tal-Appell Kriminali, 3 ta' Marzu 1997 u **Il-Pulizija vs Marbeck Cremona,** Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), 15 ta' Frar 2007 fost l-oħrajn.
[15] **Il-Pulizija vs Enrico Petroni u Edwin Petroni**, Qorti tal-Appell Kriminali, 9 ta' Ġunju 1998.
[16] **Il-Pulizija vs Joseph Muscat**, Qorti tal-Appell Kriminali, (Inferjuri), 3 ta' Marzu 1997.

*iżda l-inversjoni tat-titolu tal-pussess tal-ħaġa li l-aġent ikun ottjena mingħand is-suġġett passiv bil-libera volontà ta' dan."*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Bamber**[17] il-Qorti kkwotat is-segwenti bran:-

*"Il-Qorti hawnhekk tghamel riferenza ghal dak li jghid Vincenzo Manzini fil-ktieb tieghu "Trattato di Diritto Penale Italiano ", Quinta Edizione, Volume Nono, fejn jitkellem dwar id-delitti kontra il-patrimonju. Skond il-Manzini, u l-Qorti sejra hawnhekk tirriproduci testwalment x'jghid dan l-awtur :*

*"Il possesso dell'oggetto puo' essere derivato da un mandato o da altra autorizzazione a ricevere da terzi la cosa, la proprieta' della quale spetta al mandante o autorizzante. Percio', commette appropriazione indebita l'incaricato di riscuotere denaro, o di ricevere altre cose, per conto del mandante, che faccia suo quel che ricevette. E poiche' non occorre che il possesso sia conferito all'agente dal proprietario, il reato sussiste anche quando la consegna avvenga per parte di chi che sia, in modo che, per i rapporti esistenti tra il consegnatario, e l'avente diritto su quella cosa, il primo sia obbligato a rimetterla al secondo."*

Illi b'rabta ma dan il-każ, il-prosekuzzjoni jeħtieġ li tissodisfa t-tliet elementi essenzjali, ossija li (i) l-akkużat irċieva l-flus; (ii) li l-flus irċeviethom għan-nom tas-soċjetà kwerelanta bl-obbligu li jroddhomlha u (iii) li minflok ma ma għaddha dawn il-flus lis-soċjetà kwerelanta, għamel użu minnhom mod ieħor billi dawwarhom bi profitt għalih jew għal persuna oħra.

Illi fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli illi l-akkużat kien inkarigat sabiex jiġbor flus għan-nom

[17] **Il-Pulizija vs John Bamber**, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), 8 ta' Ġunju 2001.

tas-soċjetà kwerelanta bl-obbligu li jroddhomlha ma tmiem il-jum. Il-prosekuzzjoni pprovat ukoll li huwa effettivament ġabar tali flus li ġew fdati lilu minħabba l-kariga li huwa kellu mas-soċjetà kwerelanta. Peró dawn m'huwiex l-uniċi elementi li jridu jiġu sodisfatti għall-eżistenza ta' dan ir-reat. Element ieħor daqstant importanti li jrid jiġi sodisfatt huwa li l-akkużat dawwar il-flus li ġabar bi profitt għalih jew għal ħaddieħor minflok ma raddhom lis-soċjetà kwerelanta.

Il-prosekuzzjoni ressqet quddiem din il-Qorti, min-naħa l-waħda, serje ta' kopji ta' fatturi li l-ħlas tagħhom allegatament ma wasalx għand lis-soċjetà kwerelanta u, min-naħa l-oħra, numru ta' klijenti li kkonfermaw li ħallsu lill-akkużat biex b'hekk tipprova toħloq żbilanċ bejn il-fondi li ngħataw lill-akkużat u dawk li effettivament waslu għand is-soċjetà kwerelanta. Illi di più, biex aktar issaħħaħ il-posizzjoni tagħha, il-prosekuzzjoni ppreżentat numru ta' kopji ta' fatturi. Illi minn tnax-il fattura[18] l-akkużat ikkonferma l-firma tiegħu fuq il-fatturi li jinsabu a fol 39, 40, 41 u 46 filwaqt li ċaħad li l-firma fuq fol. 42, 43, 44 u 45 hija tiegħu.

Illi l-Qorti tinnota li dawn il-fatturi għandhom diversi inkonsistenzi:

- Il-fattura a fol. 39 (kopja oħra tagħha a fol. 103) għalkemm għandha taħżiża li tidher li hija firma "E Teeling" u kitba Paid 13/3/15" hija għalkollox illeġibbli.

- Il-fatturi a fol. 40 (kopja oħra tagħha a fol. 104) u 46 (kopja oħra tagħha a fol. 110), għandhom biss taħżiża li tidher li hija il-firma "E.Teeling".

- Il-fatturi a fol. 41 (kopja oħra tagħha a fol. 105), 42 (kopja oħra tagħha a fol. 106), 43 (kopja oħra tagħha a fol. 107), 45 (kopja oħra tagħha a fol. 109), għandhom taħżiża li tidher firma "E.Teeling" u "paid",

[18] Ara minn fol. 39 sa fol 51 jew minn fol. 103 sa fol. 115 tal-atti proċesswali.

- l-fattura a fol. 44 (kopja oħra tagħha a fol. 108), għalkemm għandha wkoll taħżiża li tidher li hija firma "E.Teeling" u "paid", din it-taħżiża hija għal kollox differenti mill-oħrajn.

- Il-fatturi a fol. 47 (kopja oħra tagħha a fol. 111) u 48 (kopja oħra tagħha ma ġietx preżentata) m'għandhom ebda firma;

- l-fatturi a fol. 49 (kopja oħra tagħha a fol. 113) u 50 (kopja oħra tagħha a fol. 114), minkejja li għandhom taħżiża li tidher firma ta' "E Teeling" u "paid" ħdejha, ma jindikawx min huwa l-istabbiliment relevanti.

Illi dwar dawk il-kopji fejn hemm ukoll il-kelma "Paid", il-Qorti għandha s-segwenti osservazzjonijiet x'tagħmel:

1. Il-firem m'humiex kollha l-istess u l-prosekuzzjoni, da parti tagħha, ma għamlet ebda talba sabiex jitqabbad espert bil-għan li jistabillixi jekk dawn il-firem u l-kelma "Paid" (li *prima facie* tindika li l-fattura ġiet imħallsa) humiex tal-akkużat jew le;

2. Il-fatturi li jimplikaw li ġew imħallsa bil-kelma "paid" huma biss kopji u l-oriġinali tagħhom ma ġewx preżentati. Mhux talli hekk, talli l-istess diriġent tas-soċjetà kwerelanta Joseph Galea xehed li hu qatt ma ra l-oriġinali ta' dawn il-fatturi iżda ra biss il-kopji mgħoddija lilu mill-klijenti tiegħu, kif preżentati lill-Qorti;

3. Illi anke jekk stess il-prosekuzzjoni ma setgħetx tippreżenta l-oriġinali ta' dawn il-kopji preżentati bl-allegati firem tal-akkużat, il-klijent li jsejjħu dawn il-fatturi fejn hemm it-taħżiża li tidher li hija firma u hemm "Paid", ossija J.P. Grech (Carmen Store), Żabbar, ma tressaqx quddiem il-Qorti sabiex jikkonferma jekk effettivament ħallasx dawn il-fatturi jew le, jew jekk ġewx imħallsin lill-akkużat. Illi

fil-fehma tal-Qorti, il-fatt waħdu li dawn il-fatturi għandhom il-firma tal-akkużat ma jfissirx li huwa tħallas tagħhom.

Illi l-prosekuzzjoni preżentat ukoll numru ta' fatturi oħrajn li huma oriġinali. Dwar dawn il-fatturi, il-Qorti tinnota li l-fatturi li jinsabu a fol 254 (li hemm kopja tagħha a fol. 44); a fol 255 (li hemm kopja tagħha a fol. 40); a fol 257 (li hemm kopja tagħha a fol. 45); a fol 258 (li hemm kopja tagħha a fol. 42); a fol 259 (li hemm kopja tagħha a fol. 41); a fol 263 (li hemm kopja tagħha a fol. 51) u fol 265 (li hemm kopja tagħha a fol. 43), minkejja li jidher li huma l-istess fatturi, l-oriġinali m'għandhomx il-firem tal-akkużat kif hemm indikat fuq il-kopji bit-taħżiż.

Illi l-prosekuzzjoni lanqas ressqet l-impjegati tas-soċjetà kwerelanta li kienu jirċievu u jipproċessaw l-irċevuti maħruġa mir-*receipt book* u mill-formoli li kienu jimlew sabiex jikkonfermaw jekk l-akkużat effettivament ma kienx għaddha l-kopji tal-irċevuti li allegatament ħareġ għal dawn il-pagamenti. Illi di più, l-istess xhud Joseph Galea jgħid fix-xhieda tiegħu li l-akkużat aktarx kien qed joħroġ riċevuti mill-ktieb tal-irċevuti li huwa allegatament tilef. Il-prosekuzzjoni, għalkemm ippreżentat kopji ta' fatturi allegatament iffirmati mill-akkużat bil-kelma "Paid" ma ppreżentat ebda kopja ta' dawn l-irċevuti li allegatament ħareġ l-akkużat lill-klijenti mill-kotba mitlufin.

Illi l-Qorti tqis ukoll li l-prosekuzzjoni naqset ukoll milli tipprova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli l-ammonti li ġew indebitament approprjati. Fix-xhieda tiegħu, Joseph Galea jgħid li s-somma perikolata hija ta' €6, 118.71 iżda mill-prospett li ppreżenta[19] hu stess jirriżulta li l-istabbiliment ta' Paul Grech, għadda lill-akkużat pagamenti fl-ammont ta' €3,983.31, l-istabbiliment ta' *Cut Price* għaddielu pagament ta' €108.21 filwaqt li l-istabbiliment "Tal-Ħamra Van" għaddielu t-total ta' €275.14. B'kollox jammontaw għal somma allegatament perikolata ta' €4,366.66.

[19] Ara Dok "JG1" a fol. 38 tal-atti proċesswali.

Illi min-naħa tagħha, ix-xhud Melanie Galea Cini fix-xhieda tagħha tgħid li meta l-akkużat mar ikellimha ma' missierha, qaltlu li l-ammont perikolat kien ta €7,000 filwaqt li mill-prospett ppreżentat minnha jirriżulta li l-ammont allegatament perikolat huwa ta €7,631.94

Illi fix-xhieda tagħhom, il-klijenti l-oħrajn, ossija Martin Mifsud (Munchies); Rhoda Parnis u John Paul Parnis (Tal-Ħamra Van); Mario Formosa (Cut Price); Isabelle Scicluna (Gordon's Butcher u Gordon's Mini Market) għalkemm ikkonfermaw illi huma ħallsu lill-akkużat bħala *sales representative*, ħadd minnhom ma kkonferma xi ammont, jew fattura, li ħallsu lis-*sales representatives* u li l-pagament ma ġiex mgħoddi lis-soċjetà kwerelanta.

Għalkemm dawn ix-xhieda qalu li f'xi punt f'dawn is-snin, is-soċjetà kwerelanta avviċinathom sabiex iħallsu xi ammonti allegatament dovuti, ma saret ebda prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli li dawn l-ammonti mitluba kienu l-ammonti li tħallsu lis-sales representative.

Għandu jingħad li fil-maġġoranza tagħhom, huma xehedu li l-kumpanija kwerelanta avviċinathom żmien konsiderevolment <u>wara</u> li l-akkużat ġie mkeċċi minn mas-soċjetà kwerelanta u li huma, bl-eċċezzjoni ta' Rhoda Parnis u John Paul Parnis (Tal-Ħamra Van) kienu klijenti kemm <u>qabel</u> ma l-akkużat daħal jaħdem mas-soċjetà kwerelanta u baqgħu klijenti anke wara li telaq. B'hekk, hemm dubju dwar jekk dawn l-ammonti mitluba lilhom mis-soċjetà kwerelanta jirreferux għaż-żmien li l-akkużat kien għadu jaħdem mas-soċjetà kwerelanta jew għal xi żmien ieħor.

Illi b'hekk fin-nuqqas ta' provi li l-akkużat effettivament żamm il-flus mgħoddija lilu u dawwarhom bi profitt għalih jew għall-ħaddieħor, kif ukoll fin-nuqqas ta' prova preċiża tal-ammont allegatament perikolat, il-Qorti ssib li dan it-tielet element tal-ewwel akkuża ma ġiex ipprovat sal-grad rikjest mil-liġi.

Ikkonsidrat;

Illi t-tieni akkuża hija arġinata fuq l-Artikoli 308 u 310 (1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif kienu fis-seħħ qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-2014.

Illi l-elementi ta' dan l-Artikolu ġew esposti dettaljatament fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Charles Zarb**,[20] fejn ġie ritenut illi:

> *"Skont ġurisprudenza kostanti li din il-qorti kif ippreseduta taqbel magħha, l-ingredjenti ta' l-elementi materjali ta' dan id-delitt ta' truffa huma dawn li ġejjin;*
>
> *Fl-ewwel lok bħala suġġett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulħadd.*
>
> *Fit-tieni lok il-Leġislatur, aktar mill-interess soċjali tal-fiduċja reċiproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-użu ta' l-ingann u tar-raġġiri li jinduċu bniedem jiddisponi minn ġid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jagħmel;*
>
> *Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:*
>
> *a. b'mezzi kontra l-liġi, jew*
> *b. billi jagħmel użu minn ismijiet foloz jew*
> *c. ta' kwalifiki foloz jew*
> *d. billi jinqeda b'qerq ieħor u*
> *e. ingann jew*
> *f. billi juri ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz,*

[20] **Il-Pulizija vs Charles Zarb**, Qorti tal-Appell Kriminali, 22 ta' Frar 1993

*ġ. jew ta' ħila*

*h. setgħa fuq ħaddieħor jew*

*i. ta' krediti immaġinarji jew*

*j. sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, jagħmel qliegħ bi ħsara ta' ħaddieħor.*"

Illi mill-provi prodotti, ma jirriżultax li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova illi l-akkużat adopera l-użu ta' ngann jew raġġiri li induċew lill-klijenti tas-soċjetà kwerelanta jiddisponu minn ġid li, fil-kors normali tan-negozju, ma kienux jagħmlu. Anzi, ġaladarba s-soċjetà kwerelanta hija distributur tal-prodotti tal-ikel u l-klijent tagħha huma resellers ta' dawn il-prodotti, huwa naturali li l-istess klijenti jħallsu lill-akkużat bħala *sales representative* tas-soċjetà kwerelanta. Inoltre, ma tressqet ebda prova tal-elementi rikjesti mir-reat kontemplat fl-Artikolu 308 tal-Liġijiet ta' Malta, kif hawn fuq elenkati.

B'hekk, fil-fehma tal-Qorti, il-prosekuzzjoni lanqas ma rnexxielha tipprova din it-tieni akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi fir-rigward tal-adebitu tar-reċidiva, stante li l-prosekuzzjoni ma rnexxielha tipprova ebda waħda mill-akkużi miġjuba kontra l-akkużat, il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' dan l-addebitu.

**Deċide:**

Għal dawn ir-raġunijiet, u għar-raġunijiet kollha sopra esposti, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 7, 8, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 23A, 23B, 23Ċ, 23D, 27, 31, 49, 50, 293, 294, 308 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta [kif kien fis-seħħ qabel l-emendi li saru permezz tal-Att XXIV tal-2014], 382A, 383, 384, 385, 386, 412Ċ, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

qed issib lil **Edward Teeling** **mhux ħati** tal-akkużi dedotti kontra tiegħu u qed tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
Deputat Reġistratur